MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Numru. 375/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Haashi Mohamed Abdi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Haashi Mohamed Abdi detentur tal-karta tal-identita` numru 66094(A).

Akkuzat talli:

1. Talli nhar it-12 ta' April 2014, gewwa il-Guest House bl-isem ta' ITIS, li tinsab 31, Triq il-Gzira, Gzira, ghall-habta tal-10:00am, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa l-Guest house hawn fuq imsemmija, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-persuna ghad-detriment ta' Emanuel Attard u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Attard, kif iccertifikat mit-tabib Dr. Paul Magri, Medical registration number 1774;

3. U aktar talli f'Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahalu sabiex ibieghhom jew imexxihom.

**Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma' Haashi Mohamed Abdi bhala <u>recidiv</u> ta' sentenza imporsta fuqu mill-Qorti Kriminali, liema sentenza ma tistax tigi mhassra ai termini ta'** *Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat, Haashi Mohamed Abdi, li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih. Rat illi l-imputat, Haashi Mohamed Abdi, ammetta l-akkuzai wara il-korrezzjoni tal-att tal-akkuza u mat-tieni ezami tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke' wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289 u 268(c) tal-tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta, qed issib lill-imputat Haashi Mohamed Abdi hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih,  stante ammissjoni u minflok tinfliggi piena karcerarja effettiva qeghda tordna li s-sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta kontra l-imputat, Haashi Mohamed Abdi, datata 28 ta' Settembru 2013, tigi estiza u sospiza ghal erba' (4) snin.

Inoltre il-Qorti qed timponi ukoll illi ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat, Haashi Mohamed Abdi, ihallas is-somma ta' €165 lil Emanuel Attard u dan fi zmien sitt (6) xhur millum.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------